**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**DR. DAVID FABRI**
**DR. ANTOINE NAUDI**

**Illum 26 ta' Frar 2016**

**Rikors Numru 77/2014**

**Christopher Galea**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Christopher Galea** pprezentat fit-30 ta' Settembru 2014 li permezz tieghu ippremetta s-segwenti:-

*"Illi l-esponenti kien inskritt ghal kors ta' security, liema kors l-esponenti spiccah b'success;*

*Illi skont il-ligi, l-esponenti mar halli japplika ghal-Licenzja ta' Gwardjan Privat u dan mal-Kummissarju tal-Pulizija ai termini tal-Att dwar gwardjani privati u lokali, Kap. 389 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi permezz ta' ittra bid-data tat-28 t'Awissu, 2014 u bin-numru ta' referenza PG/554/2014, l-applikazzjoni ta' l-esponenti giet rifjutata mill-Kummissarju tal-Pulizija ai termini Ta' l-Artikolu 10(b) fl-interess pubbliku, liema decizjoni qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok CG1';*

*Illi ma hemmx dubju li tali decizjoni amministrattiva mehuda mill-Kummissarju tal-Pulizija hija wahda ingusta, irragjonevoli u bbazata fuq konsiderazzjonijiet irrelevanti, kif ukoll sproporzjonata u dana hekk kif ser jipprova l-istess esponenti waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna;*

*Illi b'hekk l-esponenti kellu jintavola dan l-umli appell u dan ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi ghalhekk dan l-Onorabbli Tribunal ghandu jhassar tali decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 28 t'Awissu, 2014 u tinhareg il-licenzja relattiva lill-esponenti u dan ghaliex l-istess Kummissarju tal-Pulizija qatt ma' kellu jirrifjuta l-imsemmija applikazzjoni anzi kellu jezercita` d-diskrezzjoni tieghu a favur tal-istess esponenti;*

*Ghaldaqstant, u in vista tas-suespost, l-esponenti umilment jitlob li dan it-Tribunal joghgbu:*

1. *Jiddikjara illi d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 28 t'Awissu, 2014 u li ghandha numru ta' referenza PG/554/2014 ghandha tigi mhassra u dana ghar-ragunijiet hawn fuq indikati;*

2. *Jordna lill-intimat Kummissarju tal-Pulizija sabiex johrog licenzja ta' gwardjan privat lill-esponenti;*

3. *Tordna kull provvediment iehor li dan l-Onorabbli Tribunal jidhrilu xieraq u opportun fic-cirkostanzi."*

Ra r-risposta tal-**<u>Kummissarju tal-Pulizija</u>**ipprezentata fil-21 ta' Ottubru 2014 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

"

1) *ILLI in linea preliminari qed jiġi eċċepit illi l-Onorabbli Tribunal m'għandux il-kompetenza li jordna li tinħareġ liċenzja skont kif mitlub mir-rikorrent u dana għaliex t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrativa għandu s-setgħa* ***<u>biss li jirrevedi atti amministrattivi</u>*** *maħruġa minn awtorita' pubblika bis-saħħa tal-****Artiklu 5 tal-Att Dwar il-Ġustizzja Amministrattiva [Kap 490 tal-Liġijiet ta' Malta]*** ***<u>iżda m'għandux is-setgħa illi jordna</u>*** *li tinħareġ liċenzja. Huwa jista' biss jordna illi l-Kummissarju jerġa jevalwa l-applikazzjoni tar-rikorrent;*

2) *ILLI qabel xejn jingħad ukoll illi l-fatt illi spiċċa l-kors ta' security mhuwiex qed jiġi kuntestat mill-esponent u għalhekk ċerti xhieda li ġew indikati mir-rikorrent bħal ir-rappreżentant tal-Grupp G4S u r-rappreżentant mill-KDM Group u KDM b'kull rispett mhumiex neċessarji għal dan il-każ;*

3) *ILLI* ***<u>bla preġudizzju għal dak suespost u fil-mertu</u>*** *l-esponent Kummissarju tal-Pulizija jeċċepixxi illi l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jiġi muri waqt it-trattazzjoni tar-rikors odjern;*

4) *ILLI l-esponent jirrileva illi kien hemm raġunijiet validi skont il-liġi li fuqhom ġiet ibbażata d-deċiżjoni ta' rifjut maħruġa mill-istess esponent fil-konfront tar-rikorrent Galea ai termini tal-****artikolu 10(b) tal-Kap. 389****, u dan kif se jirriżulta mill-provi;*

5) *ILLI mingħajr preġudizzju għal dak suespost, l-esponent jixtieq jirrispondi għal diversi argumenti posti fir-rikors tar-rikorrent, li bl-akbar rispett jingħad illi huma infondati;*

6) *ILLI assolutament mhuwiex minnu dak li ntqal fir-rikors promotur fir-rigward illi d-deċiżjoni amministrattiva meħuda mill-Kummissarju intimat hija waħda inġusta, irraġonevoli u bbażata fuq konsiderazzjonijiet irrelevanti, kif ukoll sporzjonata. Ser jiġi muri waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors illi għal kuntrarju ta' dak li ntqal, **l-imsemmija deċiżjoni kienet ġusta u raġonevoli** meħuda wara li ġiet eżaminata b'mod metikoluż il-fedina penali. Minn dan l-eżami jirriżula li hemm sentenza ta' natura kriminali fejn ir-rikorrent instab ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Dawn is-sentenzi juru li Christopher Galea mhuwiex persuna idonea għal dan it-tip ta' xogħol minħabba li **mhuwiex persuna affidabbli u m'għandux karattru sod** biżżejjed biex iwettaq xogħol ta' gwardjan privat;*

7) *ILLI l-esponenti igawdi minn diskrezzjoni wiesgħa permezz tal-**Artikolu 10(b)** liema **artikolu wkoll jimponi obbligu fuq il-Kummissarju** li jirrifjuta li tinħareg liċenzja lil persuna li jidhirlu mhix responsabbli biżżejjed għal dan it-tip ta' xogħol propju minħabba n-natura sensittiva ta' dan ix-xogħol;*

8) *ILLI għalhekk fid-dawl ta' dak kollu suespost il-Kummissarju tal-Pulizija dehrlu ġustament illi ma kienx fl-interess pubbliku illi tinħareġ il-liċenzja ta' gwardjan privat;*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq premessi u oħrajn li jistgħu jinġiebu fil-mori ta' smiegħ ta' dan ir-rikors, l-esponenti Kummissarju tal-Pulizija qiegħed bl-akbar rispett jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent fl-interita' tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent."*

Ra id-dokumenti esebiti;

Sema' x-xhieda tal-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi,[1] tal-Ispettur Ramon Mercieca[2] u tal-Ispettur Carol Fabri;[3]

Ra l-affidavit tar-rikorrent[4];

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

## Ikkunsidra:

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Kummissarju intimat komunikata lilu permezz ta' ittra datata 28 ta' Awissu 2014 li permezz taghha gie mgharraf bis-segwenti:-

---

[1] Ara traskrizzjoni tax-xhieda a fol. 40 sa fol. 42
[2] Ara traskrizzjoni tax-xhieda a fol. 45 sa fol. 51
[3] Ara traskrizzjoni tax-xhieda a fol. 59 sa 60

[4] A fol. 63 sa 65

*"B'referenza ghall-applikazzjoni tieghek ghal-licenza ta' Gwardjan Privat, jiddispjacini ninfurmak, illi l-applikazzjoni tieghek qieghda tigi rifjutata ai termini ta' l-Artikoli 10 (b) fl-interess pubbliku."*

Illi l-aggravju principali tar-rikorrent huwa li d-decizjoni in kwistjoni hija wahda ingusta, irragjonevoli u bbazata fuq konsiderazzjonijiet irrilevanti, u kif ukoll sproporzjonata.

Illi mill-fedina penali tar-rikorrent jirrizulta illi gie misjub hati tas-segwenti reati u cioe`:-

1. *Talli fid-29 ta' Novembru 2010 ghall-habta tat-15.00hrs gewwa Triq Burmarrad, saq vettura bin-numru CAS-407 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Awtorita` Dwar it-Trasport ta' Malta jew minghajr licenzja tas-sewqan specifikata ghal dik il-vettura.* Permezz ta' sentenza datata 3 ta' Marzu 2011 gie kkundannat multa ta' sittin ewro (€60);

2. *Talli fit-23 ta' Gunju 2011 ghall-habta ta' 00.45 hrs waqt li kien gewwa Watson`s Bar, Triq il-Merluzz, San Pawl il-Bahar:*
   i. *Naqas li jobdi ordnijiet legittimi t'Awtorita` cioe` ta' PS 830 u ta' PC 1364 nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qieghdin jaghmlu d-dmirijiet taghhom jew b'xi mod iehor bla jedd indahal fi dmirijiethom billi ma hallihomx jaghmlu dak li b'ligi kienu ordnati jew jistghu jaghmlu dak li b' ligi kienu ordnati jew jistghu jaghmlu jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li PS 830 u PC1364 kienu ghamlu skond il-ligi.*
   ii. *U aktar talli ingurja u/ jew hedded bi kliem lil PS 830 u lil PC 1364 persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qieghdin jaghmlu dak is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;*
   iii. *U aktar talli qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku;*
   iv. *U aktar talli kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u/jew glied.*

   Permezz ta' sentenza datata 21 ta' Novembru 2011 ir-rikorrent gie kkundannat multa ta' hamsin ewro (€50);

3. *Talli fid-9 ta' Ottubru 2012 ghall-habta ta' 20.50hrs fi Triq it-Trunciera, San* Pawl *il-Bahar saq jew ipprova isuq jew kellu kontroll ta' vettura nru SAX-082 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi u talli fl-imsemmija data u fil-granet ta' qabel, ghamel bdil fil-kulur tal-vettura nru SAX-082 u naqas li jinforma lil Awtorita` ghat-Trasport f'Malta.*

   Permezz ta' sentenza datata 12 ta' Marzu 2013 ir-rikorrent gie kkundannat ihallas multa ta' elf u mitejn ewro (€1200) u sospensjoni tal-licenzja ghal zmien sitt (6) xhur.

Illi **l-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi** xehdet illi artikolu 2 tal-Kapitolu 389 (Att Dwar Gwardjani Privati u Lokali) jispjega ezatt id-dmirjiet ta' gwardjan privat u in vista tal-istess dmirjiet persuna li tinghata licenzja biex tezercita tali xoghol trid tkun ta' karattru sod u affidabbli.

Tghid li meta wiehed japplika ghal-licenzja, da parti taghhom huma jaraw il-fedina penali tieghu.

**L-Ispettur Ramon Mercieca** xehed illi fil-kaz odjern inhareg ir-rifjut in vista tar-reati li r-rikorrent wettaq. Jghid li iktar ma ghadda z-zmien ir-rikorrent iktar beda jintensifika fir-reati li beda jaghmel u ghalhekk ma hassx li kien idoneju li tinghathalu l-licenzja ta' gwardjan privat. Jghid li l-ewwel sentenza kienet dwar sewqan minghajr licenzja u hu staqsa jekk kellux polza ta' assikurazzjoni jew setghax ikkawza danni ohra. Sussegwentement pero`, in kontro-ezami jghid li huwa kien qed jassumi li ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni. Jghid li sussegwentement ir-rikorrent dahal f'argument mal-Pulizija, ma obdiex l-ordnijiet taghhom u li heddidhom. Jghid li tant kemm dan ir-reat huwa kunsidrat bhala gravi, il-piena tieghu telghet minn tmien mitt ewro (€800) sa hamest elef ewro (€5000) u priguneria ta' massimu disa' (9) xhur. In oltre, hu jkompli jispjega li fl-2012 ir-rikorrent instab hati ta' sewqan taht l-influwenza ta' xorb jew drogi. Jghid li biex tohrog din it-tip ta' akkuza ikun ifisser li meta ir-rikorrent twaqqaf hu ma jkunx ikkollabora mal-Pulizija u ma jkunx ghamel il-*breathalyser*. Ghalhekk fl-interess pubbliku hass li r-rikorrent ma kienx jisthoqqlu li jigi moghti l-licenzja ta' gwardjan privat. Jghid li meta huwa ra l-amalgamazzjoni tar-reati kollha f'daqqa hass li ma kienx fl-interess pubbliku li tinhareg il-licenzja.

**L-Ispettur Carol Fabri** spjegat illi l-ittra ta' rifjut odjerna giet iffirmata minnha. Tghid li qabel harget l-istess rifjut hija kienet ikkonsultat mas-superjur taghha u cioe` l-Ispettur Ramon Mercieca.

**Ir-rikorrent** xehed illi huwa jhoss li m'ghamel xejn daqstant gravi biex ma jinghatax il-licenzja de quo. Jghid li fir-rigward tas-sentenza tad-29 ta' Novembru 2010 huwa instab hati biss li ma kellux licenzja u mhux li ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni. Jghid li fir-rigward tal-kaz fejn hu ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija, dan kien kaz fejn hu kien jahdem gewwa hotel u ra Pulizija jimbotta lil sid il-hotel u huwa qal lill-istess Pulizija biex ma jkunx aggressiv u li talli tkellem il-Pulizija kien harrku. Jghid li pero dan il-kaz kien *de minimis* tant li gie mmultat biss hamsin Ewro (€50). Fir-rigward tat-tielet kaz jghid li huwa kien tah hass hazin u ghalhekk kellu incident awtomobilistiku. Jghid li fil-fatt in konnessjoni ma' dan l-incident huwa kien accetta li jsirlu t-test tal-*breathalyser*. Jghid li fir-rigward ta' dawn l-ahhar akkuzi huwa kien ammetta allavolja kien hemm id-data tal-akkuza indikata hazina.[5]

[5] Ara komparixxi a fol. 68 li jindika li l-kaz sehh fid-9 ta' Ottubru 2012 filwaqt li l-affidavits a fol. 69 u 72 jirreferu ghad-19 ta' Ottubru 2012

Illi t-Tribunal josserva illi meta l-Kummissarju intimat ikollu kaz bhal dak odjern huwa tabilfors irid jezercita d-diskrezzjoni tieghu dwar kif se jzomm bilanc bejn l-interess pubbliku u d-dritt li l-applikant jezercita l-professjoni ta' gwardjan privat. Illi L-awtur Ingliz **HWR Wade** fil-ktieb tieghu "**Administrative Law**" jikkumenta hekk:

*"A person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is intended to do so – he must not in the exercise of his discretion do what he likes but that he ought. In other words, he must by the use of his reason ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably."*

L-istess awtur ikompli jikkummenta –

*"...virtually all administrative decisions are rational in the sense that they are given for intelligible reasons but the question then is whether they measure up to the legal standard of reasonableness ... within the bounds of legal reasonableness is the area in which the deciding authority has genuinely free discretion. If it passes those bounds, it acts ultra vires.*"

Illi minhabba n-natura tas-servizzi li jistghu jigu prestati minn Gwardjan Privat[6] huwa logiku u legittimu li fl-ghoti u t-tigdid ta' tali licenzji jigi kkunsidrat l-aspett ta' l-interess pubbliku u li decizjoni moghtija fil-kamp kriminali fir-rigward ta' applikant timpingi fuq tali konsiderazzjoni u hu necessarju li jkun hemm evalwazzjoni appozita jekk l-applikant hux persuna idonea *o meno* ghal tali posizzjoni mill-awtorità regolatrici koncernata, f'dan il-kaz il-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi hawnhekk tidhol il-kwistjoni tar-ragonevolezza. Maghha necessarjament tidhol bilfors il-kwistjoni tad-diskrezzjoni li l-ligi taghti lill-awtorita` partikolari biex tasal ghad-decizjoni taghha. B'diskrezzjoni wiehed jifhem is-setgha li wiehed jaghzel bejn diversi toroq ta' azzjoni. Illi, pero`, persuna fdata b'din id-diskrezzjoni trid twettaq id-decizjoni taghha b'mod ragonevoli, b'ekwita` u haqq[7] u minghajr abbuz ta' dik l-istess diskrezzjoni.

Illi issa, mid-dokumenti esebiti, jirrizulta illi r-rikorrent xellef difrejh mal-gustizzja fi tlett okkazjonijiet differenti bejn l-2010 u l-2012. Illi ghalhekk dan it-Tribunal irid jezamina jekk it-twettiq tar-reati fuq citati meta r-rikorrent kien fil-bidu tal-ghoxrinijiet tieghu humiex raguni bizzejjed biex il-Kummissarju intimat irrifjuta l-hrug tal-licenzja *de quo*.

---

[6] Ara d-definizzjoni ta' "servizzi ta' gwardjani privati" f'artikolu 2 tal-Kapitolu 389
[7] Masini noe vs Podesta` noe (Appell Civili 21.4.1961 Kollez. Vol.XLV.i.110)

Illi dan it-Tribunal kellu l-opportunita` jgharbel id-deposizzjoni tal-Ispettur Ramon Mercieca u jsib li l-istess Spettur ibbaza r-rifjut tieghu kemm fuq il-fatti u kemm fuq assunzjonijiet li huma irrilevanti bhal perezempju meta assuma li meta r-rikorrent inqabad isuq minghajr licenzja huwa seta' wkoll ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni. L-istess Spettur qal ukoll li r-rikorrent irrifjuta li jaghmel il-*breathalyser* meta fil-fatt, mill-affidavit ta' PS 914 a fol. 69 sa 70 jirrizulta li r-rikorrent accetta li jsirlu dan it-test pero` l-istess test ma setghax jitkompla ghax ir-rikorrent ma bediex jonfoh sew u wara ftit hassu hazin. Illi ghalhekk it-Tribunal ihoss li l-Ispettur involut kien influwenzat fid-decizjoni tieghu ukoll minn konsiderazzjonijiet irrilevanti u wkoll fuq fatti li fil-fatt ma rrizultawx waqt il-kawzi kriminali. Illi kif intqal minn Lord Esher MR fil-kawza ***"R vs St. Pancras Vestry (1980)" 24 QBD 371 at 375*** –

*"If people who have to exercise a public duty by exercising their discretion take into account matters which the courts consider not to be proper for the exercise of their discretion, then in the eye of the law they have not exercised their discretion."*

Illi dan it-Tribunal, filwaqt li japprezza li l-Kummissarju intimat ghandu bicca xoghol difficli biex iwiezen l-interess pubbliku u d-dritt tal-individwu li jikseb il-licenzja de quo, ma jistghax ma jikkondividix is-sottomissjoni tar-rikorrent illi f'dan il-kaz, l-istess Kummissarju ma bbazax ir-rifjut tieghu fuq kunsiderazzjonijiet li jemanu mis-sentenzi kriminali biss, izda mar oltre` u ghamel certi assunzjonijiet u ha bhala veri fatti li fil-fatt ma kinux. Id-diskrezzjoni trid tigi ezercitata mhux biss fil-parametri ta' dak li l-Kummissarju intimat iqis bhala l-interess pubbliku imma wkoll u bl-istess enfasi fil-parametri ta' dak li hu gust u ragonevoli.

Illi, ghalhekk, mill-ispjegazzjoni li r-rikorrent offra fl-affidavit tieghu, liema xhieda ma giet kontradetta bl-ebda mod,[8] dan it-Tribunal huwa tal-opinjoni illi d-decizjoni tal-Kummissarju intimat kienet wahda ingusta u ghalhekk qieghdha tigi revokata u annullata. Madankollu, it-Tribunal irid jissottolinea li ma jirrizultalux li l-Kummissarju intimat f'dan il-kaz agixxa b'*mala fede* fil-konfront tar-rikorrenti.

Finalment jigi jirrileva illi *ai fini* tat-tieni talba tar-rikorrent, u cioe` sabiex dan it-Tribunal jordna lill-Kummissarju intimat sabiex johrog il-licenzja *de quo*, dan, it-Tribunal ma jistghax jaghmlu stante li l-poteri tieghu huma biss dawk ta' revizjoni u ma jistax jordna lill-Kummissarju intimat sabiex jikkoncedilu l-licenzja ta' gwardjan privat. Tali eghmil huwa biss setgha li l-ligi taghti biss lill-Kummissarju intimat. Sta issa ghall-istess Kummissarju li fid-dawl ta' din is-sentenza jirrevedi l-istess decizjoni.

[8] Ara verbal tal-24 ta' Novembru 2015 fejn gie dikjarat illi ma kienx se jsir il-kontro-ezami tar-rikorrent

**DECIDE**

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi, fit-termini enuncjati hawn fuq, jilqa' t-talba tar-Rikorrent u ghaldaqstant jirrevoka d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija notifikata lir-Rikorrent bl-ittra datata 28 ta' Awissu 2014 u jordna lill-istess Kummissarju sabiex fid-dawl ta' dak kollu osservat f'din is-sentenza jerga' jikkonsidra mill-gdid l-applikazzjoni tar-rikorrent ghall-hrug ta' licenzja ta' Gwardjan Privat ai termini tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mill-Kummissarju tal-Pulizija.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**